MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Numru 45/2010

**Ir-Repubbllika ta' Malta**

**Versus**

**Matthew Bajada.**

Digriet

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi żewġ persuni ta' nazzjonalita` Maltija kienu ser jimportaw ammont sostanzjali ta' droga illegali minn Rotterdam ġewwa l-Olanda permezz tal-użu ta' van Mercedes li kien ġej mill-Genova via Tuneż u liema mezz ta' trasport kellha n-numru ta' reġistrazzjoni CIG033. Filfatt din il-vettura

kellha tasal Malta fil-port tal-Marsa fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) fuq il-vapur Splendid. Waqt osservazzjoni li kienet qed isir mill-pulizija fuq vetturi u mezzi oħra li daħlu bil-vapur imsemmi, irriżulta li għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar (13:00hrs), ġiet interċettata il-vettura in kwistjoni li twaqqfet mill-Pulizija sabiex isiru l-ispezzjonijiet meħtieġa da parti tagħhom fejn mit-tfittxija rriżulta li kien hemm għaxar basktijiet moħbija wara żewġ panelli fil-vann in kwistjoni ssusspettati li kienu jikkonsistu minn sustanżi illegali ta' droga. Irriżulta wkoll li kien hemm żewġ persuni ġewwa dan il-vann, wieħed minnhom l-akkużat Matthew Bajada li huwa wkoll il-propjetarju tal-vann li twaqqaf.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet ta' qabel, l-akkużat Matthew Bajada, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga ecstacy (MDMA u mCPP) kif ukoll fil-kokajina. L-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra f'Malta u barra minn Malta li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha u jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jġorr u jittraffika d-droga ecstacy u kokajina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat xjentement għamel vjaġġ minn Malta fuq il-vapur Splendid li kienet sejra lejn Genova u minn hemmhekk hu flimkien mal-persuna l-oħra li instabet fil-vettura miegħu u kontra min qed jittieħdu proċeduri separati, saq lejn il-Belġju u sussegwentement saqu lejn Rotterdam fl-Olanda. Hemmhekk l-akkużat iltaqa ma persuni oħra ta' nazzjonalita' barranija minn fejn xtara eluf ta' pillolli tal-ecstacy (MDMA u mCPP) u ammont konsiderevoli tal-kokajina. Sussegwentement l-akkużat kien daħħal id-droga f'diversi boroż u ħeba l-istess wara żewġ pannelli fil-vettura tiegħu flok xi laned taż-żejt u għata l-istess b'kaxxa oħra bl-iskop li l-akkużat ikun f'posizzjoni li jdaħħal is-sustanza ġewwa pajjiżna u jgħaddi l-istess lil terza persuna oħra ai fini ta' traffikar, mingħajr ma jiġi interċettat mill-pulizija u/jew l-uffiċjali responsabbli.

Illi meta sussegwentement fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkużat niżel lura Malta minn Tuneż fuq il-vettura tiegħu fejn kienet moħbija d-droga billi salpaw fuq il-vapur Splendid, u dan bl-iskop li jesegwixxi dan il-pjan maħsub, fortunatament l-akkużat u d-droga ġiet interċetata qabel ma ġew mgħoddija lil ħaddieħor ġewwa pajjiżna. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet f'dawn il-boroż importati mill-akkużat kienet effettivament tikkonsisti mid-droga ecstasy kontenenti s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine u 1-(3-chlorophenyl) pieprzine* (MDMA u mCPP) li huma sustanżi kkontrollati taħt il-Liġi tagħna, fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf tlett mija ħamsa u sebgħin pillolla (21375) u ċioe` mediċina psikotropika li titqies bħala sustanża illegali skond il-Liġi tagħna (Tielet Skeda parti A tal-Kapitolu 31) bil-valur kumplessiv ta' disa' Euro u sittin ċenteżmu kull pillolla (€9.60) kwindi bil-valur kumplessiv ta' elfejn u ħamest elef u mitejn Euro (€205,200). Instabet ukoll is-sustanża kokajina fl-ammont globali ta' ħames mija wieħed u sebgħin punt tnejn u sittin grammi (571.62grammi) bil-purita` ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%) bil-valur kumplessiv ta' bejn it-tmienja u tletin elf mitejn tmienja u disgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€38,298.54) u disgħa u ħamsin elf disgħa mija u ħames Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€59,905.78). Il-kokajina ukoll titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanzi llegali u kkontrollata skond il-Kapitolu 101 tal-Liġi tagħna.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Bajada sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (ecstacy u kokajina) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi kif ukoll tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Illi bi tlett sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-

Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Bajada datati s-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u t-tlieta u għoxrin (23) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-akkużat Matthew Bajada instab ħati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Matthew Bajada, reċidiv f’delitt, ħati talli assoċja ruħu ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi kif ukoll tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta’ priġunerija għal għomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 22A, 22B, 22E, 26, 27, 28 u 30 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-sitta u għoxrin (26) ta’ Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta’ din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mill-Olanda għal Malta tramite Genova u Tuneż fis-sitta u

għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u dan meta kien jaf li kien qed jimporta ammont sostanzjali tad-droga ecstacy (MDNA u mCPP) wara li hu kien akkwista din is-sustanża perikoluża mill-Olanda u wara li ħeba l-istess ġewwa diversi boroż li tqegħdu wara żewġ panelli ta' vann tiegħu tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni CIG033 bl-iskop li din is-sustanża tiddaħħal illegalment ġewwa pajjżina mill-istess akkużat. Dawn il-boroż sussegwentement instabu mill-pulizija fil-vettura wżata mill-akkużat u minn persuna oħra li kienet miegħu f'dak il-ħin u kontra min qed jittieħdu proċeduri separati, mal-wasla tiegħu fil-port il-Marsa malli niżel mill-vapur Splendid li kien salpa minn Genova, u rriżulta li dawn il-boroż kienu jikkontjenu d-droga ecstasy kontenenti s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine u 1-(3-chlorophenyl) pieprzine* (MDMA u mCPP) li huma sustanżi kkontrollati taħt il-Liġi tagħna, fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf tlett mija ħamsa u sebgħin pillolla (21375) u ċioe` mediċina psikotropika li titqies bħala sustanza illegali skond il-Liġi tagħna (Tielet Skeda parti A tal-Kapitolu 31) bil-valur ta' disa' euro u sittin ċenteżmu kull pillolla (€9.60) kwindi bil-valur kumplessiv ta' elfejn u ħamest elef u mitejn Euro (€205,200). Dan kollu sar sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma tiġi nterċettata u sabiex l-akkużat ikun f'posizzjoni jittraffika din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ma ndunawx u ma nterċettawx lill-akkużat fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u llegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa favur l-akkużat taħt it-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Bajada sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (ecstasy kontenenti s-sustanza *3,4-*

*Methylenedioxymethamphetamine u 1-(3-chlorophenyl) pieprzine* (MDMA u mCPP u kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanzi li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Illi bi tlett sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Bajada datati s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-akkużat Matthew Bajada nstab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Matthew Bajada, reċidiv f'delitt, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (ecstacy) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 40A, 120A(1)(a),(1B),120A(2)(a)(1), (2A)(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha u r-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż legali 22/1985), l-Avviż Legali 77 tal-1988 u l-Avviż legali 183 tal-1999 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mill-Olanda għal Malta tramite Genova u Tuneż fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u dan meta kien jaf li kien qed jimporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina wara li hu kien akkwista dawn is-sustanżi perikolużi mill-Olanda u wara li ħeba l-istess ġewwa żewġ boroż li tqegħdu wara żewġ panelli ta' vann tiegħu tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni CIG033 bl-iskop li din is-sustanża tjiddaħħal illegalment ġewwa pajjżina mill-istess akkużat. Dawn il-boroż sussegwentement instabu mill-pulizija fil-vettura wżata mill-akkużat u minn persuna oħra li kienet miegħu f'dak il-ħin u kontra min qed jittieħdu proċeduri separati, mal-wasla tiegħu fil-port il-Marsa malli niżel mill-vapur Splendid li kien salpa minn Genova, u rriżulta li dawn il-boroż kienu jikkontjenu s-sustanża llegali kokajina fl-ammont globali ta' ħames mija wieħed u sebgħin punt tnejn u sittin grammi (571.62grammi) bil-purita` ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%) bil-valur kumplessiv ta' bejn it-tmienja u tletin elf mitejn tmienja u desgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€38,298.54) u disgħa u ħamsin elf disgħa mija u ħames Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€59,905.78). Dan kollu sar sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma tiġi nterċettata u sabiex l-akkużat ikun f'posizzjoni jittraffika din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija nvoluti fl-investigazzjoni ma indunawx u ma nterċettawx lill-akkużat fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u llegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa favur l-akkużat taħt l-Ordinanza dwar Mediċini

Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Bajada sar ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanzi li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Illi bi tlett sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Bajada datati s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marżu tas-sena elfejn u sitta (2006), it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-akkużat Matthew Bajada nstab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Matthew Bajada, reċidiv f'delitt, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż

Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet ta' qabel, minħabba l-fatt li l-boroż kontenenti s-sustanża illegali u perikoluża in kwistjoni kienu indubjament fil-pussess tal-akkużat mad-dħul tiegħu Malta u li hu stess akkwista u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li instabet ġo fihom irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet tikkonsisti mid-droga Ecstasy (MDMA u mCPP) u cioe` mediċina psikotropika u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza psikotropika pprojbita skond il-Liġi. Din is-sustanza psikotropika u illegali perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga li instabet fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf tlett mija ħamsa u sebgħin pillolla (21375) bil-valur ta' disa' euro u sittin ċenteżmu kull pillolla (€9.60) kwindi bil-valur kumplessiv ta' elfejn u ħamest elef u mitejn Euro (€205,200) kienet waħda konsiderevoli li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanża perikoluża.

Illi l-pillolli tal-Ecstasy magħrufa wkoll bħala MDMA (*methylenedioxymethanphetamine*) u mCPP (*1-(3-chlorophenyl) pieprzine)* huma droga perikoluża u kkontrollata taħt id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Bajada sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Ecstasy (MDMA u mCPP) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Illi bi tlett sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Bajada datati s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-akkużat Matthew Bajada instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Matthew Bajada, reċidiv f'delitt, ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Ecstasy (MDMA u mCPP) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-

persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(1), (2A)(2B), 120A(1)(f)(2)(a)(1) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22/85, Avviżi Legali 77/88 u 183/99 u fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi finalment dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet preċedenti għal dik id-data, minħabba l-fatt li l-akkużat xjentement ħeba is-sustanża kokajina ġewwa xi uħud mill-boroż li ġew moħbija mill-akkużat wara żewġ pannelli fil-vettura wżata minnu u minn persuna oħra li kontriha ttieħdu proċeduri separati, liema akkużat xjentement kien jaf li dawn kienu intiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga kokajina u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti tad-droga kokajina li hija sustanża perikoluża u llegali skond il-Liġi. Din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga kokajina li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe` ħames mija wieħed u sebgħin punt tnejn u sittin grammi (571.62grammi) bil-purita` ta' tnejn u erbgħin fil-mija (42%) bil-valur kumplessiv ta' bejn it-tmienja u tletin elf mitejn tmienja u disgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€38,298.54) u disgħa u ħamsin elf disgħa mija u ħames Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€59,905.78) li ċertament ma tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Matthew Bajada sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Illi bi tlett sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Bajada datati s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-akkużat Matthew Bajada nstab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Matthew Bajada, reċidiv f'delitt, ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma

kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat li b'Nota tal-Eċċezzjonijiet datata 20 ta' Settembru 2010, l-akkużat eċċepixxa :

'L-inamissibilita' tal-istqarrija ta' Joseph Camilleri (Dok JC) u tal-proċess intestat 'Xhieda Ġuramentata ta' Joseph Camilleri' u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 658 tal-Kap 9.'

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur fit-13 ta' Ġunju 2011.

Matul it-trattazzjoni d-difiża spjegat li l-att tal-akkuża oriġinarjament kellu żewġ akkużati – Matthew Bajada u Joseph Camilleri.  Wara saret is-separazzjoni tal-ġudizzju.

L-abbli difensur żied jgħid hekk:

'Id-difiża qed teċċepixxi, forsi 'ex abundantia cautela' għaliex dak li jipprovdi l-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fejn inti għandek l-istqarrija ta' ko-akkużat u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor. Qegħda għalhekk teċċepixxi l-inammissibilita' tal-istqarrija ta' Joseph Camilleri u ta' dak il-proces verbal. Wieħed issa jrid jara kif ser jiżviluppa l-proċess ta' Joseph Camilleri.'

Il-Prosekuzzjoni spjegat li l-proċess ta' Joseph Camilleri għadu ma sarx. Dan huwa appuntat qabel il-ġuri ta' Matthew Bajada għaliex Joseph Camilleri huwa indikat bħala xhud fil-ġuri ta' Matthew Bajada.  L-istqarrija ta' Camilleri qegħda fil-proċess  biex isservi ta' kontroll ta' dak li qed jgħid ix-xhud. Ġaladarba jkun ingħalaq il-każ kontra Joseph Camilleri ma jkunx hemm impediment biex jixhed.

Il-Prosekuzzjoni u d-difiża qablu li f'dan l-istadju ma jista' jsir xejn għaliex wieħed jrid jara xi tkun il-pożizzjoni ta' Joseph Camilleri fil-mument meta jibda l-ġuri ta'Matthew Bajada.

Id-difiża ssottomettiet li tista' tingħata sentenza fuq dawn il-linji.

Għal dawk li huma punti ta' liġi l-Qorti qed tirreferi għall-artikoli 658 sa 661 tal-Kap 9 fit-Titolu 'L-Istqarrijiet'.  Dawn jipprovdu kif ġej:

'658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub
kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun

stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula
minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid
jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Il-konfessjoni li
ssir bil-miktub
għandha tinġieb.

659. (1) Meta l-konfessjoni titniżżel bil-miktub fil-waqt li tiġi magħmula, il-kitba għandha tiġi ippreżentata; u biss jekk jiġi
ippruvat li l-kitba ġiet meqruda jew mitlufa, tista' minflok, issir il-prova
bil-fomm, sabiex tiġi ippruvata s-sustanza ta' dik ilkonfessjoni.

(2) Xejn f'dan l-artikolu ma jimpedixxi li tittieħed bħala prova
kull konfessjoni oħra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara.

Jedd tal-akkużat li
jitlob li tinqara jew
li tingħata bi prova
l-kitba kollha jew
id-diskors kollu.

660. Meta tinqara jew tingħata bi prova kontra l-imputat jew
akkużat parti biss minn kitba jew minn diskors, huwa jkollu jedd
jitlob li jinqara jew li tingħata bi prova l-kitba kollha jew id-diskors
kollu; imma tista' tiġi emnuta dik il-parti biss minn dik il-kitba jew
diskors li tkun tidher li tistħoqq twemmin.
Il-konfessjoni ma
tistax tkun ta' ħsara
għal terzi.

661. Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,
u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

Peress li dan il-każ għandu x'jaqsam mal-Kapi 31 u 101, il-Qorti qed tirreferi wkoll għal dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet

'*30. Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu
639 tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew
x o r t ' o ħ r a k i s b e t j ew a k kwi s t a t me d i ċ i n a bi ks u r t a d -
disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi
proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew
akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata
b'ċirkostanzi oħra.[1]

Dikjarazzjoni tista'
tinġieb bħala
prova.
Miżjud:
VI. 1994.19.
Kap. 9.

**30A. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 661** tal-Kodiċi
Kriminali, meta persuna tkun involuta f 'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li
tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda
mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi

[1] 639(3) tal-Kap 9: Xiehda tal-kompliċi:'Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.'

prova kontra kull persuna oħra akkużata b’reat kontra 1-
imsemmija
Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew
xiehda
tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx
imġiegħla jew
meħuda b’theddid jew b’biża’, jew b’wegħdiet jew bi
twebbil ta’
vantaġġi.’

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

(a) Dwar ‘ix-xiehda’ ta’ ko-akkużat il-pożizzjoni hija regolata bl-artikolu 636(b) kif ġiet interpretata mill-Qrati Maltin sa mill-1918. Jiġifieri li l-ewwel irid lesti l-proċeduri kontra imputat jew akkużat u dan wara jkun jista’ jixhed kontra l-imputat jew l-akkużat l-ieħor. Peress li dan huwa prinċipju stabbilit, dawn il-proċeduri għandhom isegwuh.

(b) Dwar l-istqarrija ta’ ko-imputat, din hija kontrollata bl-artikolu 661 li tagħmilha ċara li din ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u li mhix ta’ preġudizzju għal ebda persuna oħra.

Isegwi li l-Qorti ser timxi ma’ dan il-prinċipju sakemm huwa involut biss l-artikolu 661 tal-Kap 9 u mingħajr preġudizzju għal dan li ġej:

(a) Li l-istqarrija ta’ Joseph Camilleri tista’ tintuża bħala mezz ta’ kontroll ta’ dak li jixhed l-istess xhud.

(b) Li l-istqarrija jew stqarrijiet magħmula taħt xi wieħed mill-Kapi 31 u 101 jew taħt iż-żewġ Kapi u li jinsabu fil-proċess verbal huma ammissibbli skont dawn iż-żewġ Kapi u għalhekk jistgħu jintużaw mill-Prosekuzzjoni fil-ħin opportun.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------